MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MIZZI**

Seduta tat-18 ta' Marzu, 2011

Numru. 643/2009

Il-Pulizija
(Sp Ramon Mercieca)
vs
Daniel Portelli, iben Paul, imwieled Pieta' fl-20 ta' Novembru, 1987, Karta ta' l-Identita numru 524887(M)
u
Paul Portelli, iben Anthony, imwieled Pieta' fl-24 ta' Frar, 1964, Karta ta' l-Identita numru 126064(M)

Il-Qorti,
Rat l-akkużi kontra l-imputati talli fis-7 ta' Mejju, 2009 għal ħabta tas-6.30 p.m. ġewwa Triq Nazzarenu, Ħamrun –
a. volontarjament ħassru, għamlu ħsara jew għarrqu ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli, u cioe' għamlu ħsara fil-vettura, bin-numru tar-reġistrazzjoni EAQ 065, tal-marka Daihatsu 1000, fuq nuċċali tal-vista u fuq bieb tal-fond numru 1, Triq in-Nazzarenu, Ħamrun liema ħsara

hi ta’ aktar minn €116.47 iżda anqas minn €1,164.69 għad-dannu ta’ l-istess sid Nazzareno Agius;
b. talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi bil-ħsieb li jtellfu jew inaqqsu l-ġieh ta’ Nazzareno Agius, b’ġesti, b’kitba, b’disinji, bi kliem mhux imfisser ċar jew b’ċanfir mhux speċifikat inkella bi kliem jew għemil li jkun biss mhux xieraq jew b’xi mod ieħor;
c. talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi b’nuqqas ta’ ħsieb, bi traskuragni, jew b’nuqqas ta’ ħila fl-arti jew professjoni tagħhom, jew b’nuqqas ta’ tħaris ta’ regolamenti, ikkaġunaw offiżi ta’ natura ħfief fuq il-persuni ta’ Mary Agius, Marija Agius, Lucienne Agius u Nazzareno Agius skont kif iċċertifika Dr. Kenneth Agius taċ-Ċentru tas-Saħħa tal-Floriana.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali fejn ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Rat il-verbal tas-seduta tat-18 ta’ Marzu, 2011 fejn il-Qorti ġiet infurmata li Nazzareno Agius li kien l-uniku xhud okulari ġie nieqes.

Rat il-verbal tas-seduta tat-18 ta’ Marzu, 2011 fejn dehru Mary Agius, Marija Agius u Lucienne Agius li ħafru lill-imputati.

Semgħet lill-prosekuzzjoni u lill-avukat ta’ l-imputati.

Għaldaqstant, ma ssibx lill-imputati ħatja tal-ewwel żewġ akkużi miġjuba kontra tagħhom minħabba nuqqas ta’ provi u għalhekk tillibera lill-imputati minn tali akkużi. Minħabba rinunzja tiddikjara l-proċediment eżawrit dwar it-tielet akkuża miġjuba kontra tagħhom.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------